

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Ġunju 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2004/162/KE dwar l-*octroi de mer* fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi

(It-test Franċiż biss huwa awtentiku)

(2008/439/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE ta' l-10 ta' Frar 2004 dwar l-*octroi de mer* fid-dipartimenti Barranin Franċiżi u li testendi l-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni 89/688/KEE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE tawtorizza lill-awtoritajiet Franċiżi japplikaw eżenzjonijiet jew rata mnaqqsa ta' l-*octroi de mer* għal ċerti prodotti maħduma lokalment fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi li jidhru fl-Anness tagħha. Id-differenzjal massimu awtorizzat huwa, skond il-prodotti u d-Dipartiment Barrani konċernat, ta' 10, 20 jew 30 punt perċentwali.
- (2) Dik id-Deċiżjoni tipprovdi l-aġġornament ta' listi ta' prodotti li jidhru fl-Anness tagħha minħabba l-eżistenza ta' produzzjoni ġdida fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi jew l-adozzjoni ta' miżuri urġenti fil-każ li l-produzzjoni lokali tiġi mhedda minn ċerti prattiċi kummerċjali.
- (3) L-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw lill-Kummissjoni talba għall-aġġornament tal-lista ta' prodotti li jistgħu jkunu eliġibbli għal tassazzjoni differenzjali, u dan biż-żieda ta' prodotti ġodda. Għal kull wieħed mill-prodotti kkonċernati, it-talba ta' l-awtoritajiet Franċiżi ġiet eżaminata fir-rigward ta' l-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Deċiżjoni 2004/162/KE. Dawn il-prodotti ġodda jirriżultaw minn produzzjoni ġdida fil-Gujana Franċiża sussegwentement biss għat-talba ta' l-awtoritajiet Franċiżi datata l-14 ta'

Marzu 2003 li tat lok għad-Deċiżjoni 2004/162/KE. Dawn il-prodotti għalhekk ma setgħux jiġu inklużi fil-listi tal-prodotti li jidhru fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni. Hija għalhekk sodisfatta waħda miż-żewġ kondizzjonijiet alternattivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni.

- (4) Jeħtieġ għalhekk li jiġi eżaminat l-iżvantaġġ li għandhom dawn il-prodotti ġodda fil-konfront tal-prodotti importati, minħabba ż-żieda fl-ispejjeż ta' produzzjoni mġarrba mill-impriżi (li sikwit huma żgħar ħafna) li jeżerċitaw attività ta' produzzjoni fil-Gujana Franċiża. L-ispejjeż akbar ġejjin l-aktar minħabba l-bogħod, il-klima diffiċli u ċ-ċokon tas-suq lokali. Barra minn hekk, il-bogħod iwassal għal spejjeż ta' trasport akbar u, minħabba żmien itwal tat-twassil, iġiegħel lill-impriżi jżommu stokk akbar ta' materja prima u partijiet sfużi għat-tiswija tal-magni wżati fil-manifattura. Fl-istess waqt, iċ-ċokon tas-suq lokali spiss ifisser li l-mezzi tal-produzzjoni huma fuq skala akbar milli meħtieġ għall-kwantitajiet prodotti. L-awtoritajiet Franċiżi għamlu stima ta' l-iżvantaġġ li għandha kull kategorija ta' prodotti maħduma lokalment skond il-fatturi rilevanti għal kull waħda minnhom.

- (5) F'Ottubru 2003, ġiet stabbilita impriża ġdida u bdiet il-produzzjoni ta' jogurt u prodotti oħra tal-ħalib bħall-ġobon moxx (intestatura 0403 li tinkludi is-subintestaturi 0403 10 u 0403 90 li jsegwu l-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni). Madankollu, kienet biss il-produzzjoni tal-jogurt (intestatura 0403 10 skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni) ġiet prevista fid-data tat-talba inizjali, li kienet qabel il-bidu ta' l-attività tal-produzzjoni. Ħareġ li l-attività mwettqa mill-impriża tinkludi wkoll il-prodotti ta' l-intestatura 0403 90. Skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prezz tal-kost tal-prodotti kkonċernati maħduma lokalment huwa ogħla b'aktar minn 20 % minn dak ta' prodotti simili li jkunu ġejjin minn barra. Sabiex l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali ġdida jiġi kkompensat, jeħtieġ li, għall-Giana, l-intestatura 0403 90 tiddaħħal fil-Parti B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' għoxrin punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi.

⁽¹⁾ ĠU L 52, 21.2.2004, p. 64.

- (6) F'Settembru 2005, impriża bdiet attività ta' l-inkaljar tal-kafè. Fl-istess waqt, għaddej il-proċess sabiex tinbeda attività agrikola li tipproduċi l-kafè nej, liema attività għandha tipprovdi l-materja prima għall-impriża ta' l-inkaljar. Dawn l-attivitàjiet, komplessivament kunsidrati, huma eventwalment mistennija jissodisfaw parti mid-domanda għall-kafè fil-Gujana Franċiża. Skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prezz tal-kost tal-kafè inkaljat lokalment huwa ogħla b'aktar minn 20 % minn dak tal-kafè inkaljat importat. Sabiex l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali għida jiġi kkompensat, jeħtieġ li, għall-Giana, il-kafè inkaljat (intestatura 0901 21, skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni) jiddaħħal fil-Parti B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' għoxrin punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi.
- (7) Fil-bidu ta' l-2006, impriża bdiet attività ta' produzzjoni ta' ċikkulata u ta' prodotti li ġejjin mill-kawkaw (intestaturi 0403 18 01, 1802, 1803, 1805 u 1806 skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni). Parallelment, għaddej il-proċess sabiex tinbeda attività agrikola li tipproduċi l-kawkaw. Dawn l-attivitàjiet, komplessivament kunsidrati, huma eventwalment mistennija jissodisfaw parti mid-domanda għaċ-ċikkulata fil-Gujana Franċiża. Skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prezz tal-kost taċ-ċikkulata u tal-prodotti li ġejjin mill-kawkaw maħduma lokalment huwa ogħla b'aktar minn 20 % minn dak ta' prodotti simili li jkunu ġejjin minn barra. Sabiex l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali għida jiġi kkompensat, jeħtieġ li, għall-Giana, l-intestaturi 1801, 1802, 1803, 1805 u 1806 jiġu inklużi fil-Parti B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' għoxrin punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi.
- (8) F'Settembru 2005, inħolqot impriża li bdiet attività ta' produzzjoni ta' *chips* tal-kassava u tal-banana, u karawett inkaljat (intestaturi 2008 11 u 2008 99, skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni). Skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prezz tal-kost tal-prodotti kkonċernati maħduma lokalment huwa ogħla b'aktar minn 20 % minn dak ta' prodotti simili li jkunu ġejjin minn barra. Sabiex l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali għida jiġi kkompensat, jeħtieġ li, għall-Gujana Franċiża, l-intestaturi 2008 11 u 2008 99 jiġu inklużi fil-Parti B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' għoxrin punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi.
- (9) Impriża tal-produzzjoni tal-birra, maħluqa fl-2006, bdiet fl-2007 il-produzzjoni tal-birra (intestatura 2203 skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni). Skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prezz tal-kost tal-birra prodotta lokalment huwa ogħla b'aktar minn 30 % minn dak ta' birra importata. Sabiex l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali għida jiġi kkompensat, jeħtieġ li, għall-Gujana Franċiża, l-intestatura 2203 tiddaħħal fil-Parti C ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' 30 punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi.
- (10) Fl-2005, impriża Gujaniża bdiet attività ta' rkupru tal-fdalijiet tal-ħbub tar-ross għall-użu fil-manifattura ta' prodott li jixbah lill-pit (karburant, mifrex għall-annimali). Din l-attività għida ma tkunx ekonomikament vijabbli sakemm il-pit prodott barra l-Gujana Franċiża (intestatura 2703 skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni) ma tkunx suġġetta għal differenzjal ta' tassazzjoni fil-Gujana Franċiża. Fil-fatt, skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, minkejja li dan huwa prodott maħdum mill-iskart agrikolu, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar huma tali li ma jistax jikkompeti mal-pit importat fil-Gujana Franċiża, anki jekk jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport. Skond l-awtoritajiet Franċiżi, l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' dan il-prodott huma bil-wisq ogħla minn dawk għall-pit minħabba d-daqs ċkejken tan-negożju Gujaniż li żviluppah (sitt impjegati) u n-natura kważi artiġjanali ta' din l-attività, filwaqt li l-pit huwa prodott industrijalment fl-Ewropa. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda produzzjoni lokali tal-pit fil-Gujana Franċiża. Anki jekk jitqiesu l-ispejjeż tat-trasport tal-pit importat mill-Ewropa, il-prezz tal-kost ta' prodott maħdum mill-ħbub tar-ross jibqa' ogħla minn dak tal-pit importat. Mingħajr miżuri spejali, l-attività ta' din l-impriża Gujaniża ma tkunx ekonomikament vijabbli, u għalhekk il-ħtieġa li tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tagħha. Sabiex jiġi kkompensat l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali għida li tikkompeti mal-pit, jeħtieġ li, għall-Gujana Franċiża, l-intestatura 2703 tiddaħħal fil-Parti B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' għoxrin punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi. Minkejja li limitata għall-pit, id-differenzjal se jippermetti li titkompla din l-attività marbuta mal-produzzjoni tal-karburant għid lokali, li jiġi intaxxat bir-rata li jkun suġġett għalih il-pit prodott lokalment kieku kienet teżisti tali produzzjoni.

(11) Fil-bidu ta' l-2005, impriża Gujana bdieta attività ta' produzzjoni ta' saqqijiet tal-foam u prodotti tal-polistirene (intestatura 3921 11 u 9404 21 skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni). Skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prezz tal-kost tal-prodotti kkonċernati maħduma lokalment huwa ogħla b'aktar minn 20 % minn dak ta' prodotti simili li jkunu ġejjin minn barra. Sabiex l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali ġdida jiġi kkompensat, jeħtieġ li, għall-Gujana Franċiża, l-intestaturi 3921 11 u 9404 21 jiġu inklużi fil-Parti B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' 20 punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi.

(12) Fil-bidu ta' l-2005, impriża Gujana bdieta attività ta' produzzjoni ta' kubikoli tad-doċċa tal-PVC (intestatura 3921 10 u 9404 21 skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni). Skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prezz tal-kost tal-kubikoli tad-doċċa maħduma lokalment huwa ogħla b'aktar minn 20 % minn dak ta' prodotti simili li jkunu ġejjin minn barra. Sabiex l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali ġdida jiġi kkompensat, jeħtieġ li, għall-Gujana Franċiża, l-intestatura 3922 10 tiddaħħal fil-Parti B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' 20 punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi.

(13) Fl-2007, impriża Gujana bdieta il-produzzjoni ta' mwieżeż taż-żingu u tar-ramm (intestaturi 7411, 7412,

7419 91, 7907 00 10 u 7907 00 90 skond il-klassifikazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni) Skond it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet Franċiżi, il-prezz tal-prodotti kkonċernati maħduma lokalment huwa ogħla b'aktar minn 20 % minn dak ta' prodotti simili li jkunu ġejjin minn barra. Sabiex l-iżvantaġġ ta' din il-produzzjoni lokali ġdida jiġi kkompensat, jeħtieġ li, għall-Gujana Franċiża, l-intestaturi 7411, 7412, 7419 91, 7907 00 10 u 7907 00 90 jiġu inklużi fil-Parti B ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2004/16/KE, li fiha l-lista tal-prodotti lokali li jistgħu jgawdu minn differenzjal ta' tassazzjoni ta' 20 punt perċentwali meta mqabbla mal-prodotti mhux prodotti fid-Dipartimenti Barranin Franċiżi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness mad-Deċiżjoni 2004/162/KE huwa b'dan emendat skond l-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fil-Lussemburgu, 9 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COTMAN

ANNEX

L-Anness mad-Direttiva 2004/162/KE huwa b' dan emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti B, punt 2, għandhom jiġu inseriti l-prodotti li ġejjin:

“0403 90, 0901 21, 1801, 1802, 1803, 1805, 1806, 2008 11, 2008 99, 2703, 3921 11, 3922 10, 7411, 7412, 7419 91, 7907 00 10, 7907 00 90 u 9404 21”.

(2) Fil-Parti Ċ, punt 2, għandu jiġi inserit l-il prodott li ġej:

“2203”.